MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 1730/1997/1

**Martin Portelli;**
**U b' digriet tas-16 ta' Gunju 2003, Corinne Camilleri giet awtorizzata tassumi l-atti tal-kawza ghan-nom u fl-interess ta' l-attur assenti.**

**Vs**

**1. Rebecca Portelli;**
**2. Direttur tar-Registru Pubbliku;**
**3. L-Avv. Gordon T. Cutajar u l-P.L. D. Sullivan li b' digriet ta' l-20 ta' Awissu 1997 kienu nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-minuri Tara Jade Portelli;**
**U b' digriet tas-17 ta' Frar 2003, Dr. Renzo Porsella Flores gie nominat kuratur deputat tal-minuri Tara Jade Portelli in sostituzzjoni ta' Dr. Gordon T. Cutajar.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-28 ta' Lulju 1997 li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-kontendenti, konjugi Portelli, izzewgu fit-18 ta' Awissu, 1991 fir-Registru Pubbliku, Valletta u minn dan iz-zwieg huma kellhom tifel, Christopher James illi twieled fid-9 ta' Dicembru 1991;

Premess illi f' Gunju tas-sena 1996, inqala' disgwid serju bejn il-kontendenti illi wassal ghas-separazzjoni taghhom *de facto* ftit granet wara, precizament fis-7 ta' Lulju 1996, meta l-attrici telqet mid-dar konjugali wara illi kienet instabet mill-attur f' adulterju flagranti gewwa l-istess dar konjugali;

Premess illi fil-5 ta' Gunju 1997, gewwa l-isptar San Luqa, il-konvenuta weldet tarbija tifla u semmietha Tara Jade u dan skond kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid numru 0000898/97 illi fih l-attur gie imnizzel bhala l-missier ta' l-imsemmija tifla minuri;

Premess illi mid-data tas-separazzjoni taghhom fuq imsemmija il-kontendenti konjugi Portelli baqghu sseparati minn xulxin u qatt ma ghamru flimkien aktar u certament ma kellhomx rapporti intimi bejniethom;

Premess illi kif telqet mid-dar konjugali l-konvenuta bdiet regolarment ma' ragel iehor u mieghu ikkommettiet adulterju fil-konfront ta' l-attur zewgha;

Premess illi, inoltre, il-konvenuta hbiet it-tqala taghha u twelid ta' l-imsemmija tarbija Tara Jade Portelli mill-attur zewgha;

Premess illi l-imsemmija tifla minuri Tara Jade Portelli ma hiex il-wild naturali ta' l-attur;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli l-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmija minuri Tara Jade Portelli ma hiex it-tifla naturali ta’ l-attur Martin Portelli b’ mod li ghalhekk hemm lok ghall-korrezzjoni ta’ l-att tat-twelid ta’ l-imsemmija minuri f’ dan is-sens;

2. Tordna ghalhekk l-korrezzjoni fl-att tat-twelid ta’ l-imsemmija minuri Tara Jade Portelli, numru 0000898/97 billi jigu kkancellati minn kull fejn jinsabu mnizzla fl-istess att tat-twelid, il-konnotati kollha ta’ l-attur Martin Portelli u l-istess jigu sostitwiti b’ dak it-taghrif illi jigi ordnat minn dina l-Onorabbli Qorti;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati flimkien ma’ l-elenku tad-dokumenti esebiti mac-citazzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-PL Davina Sullivan kuratur Deputat biex tirrapprezenta lill-minuri Tara Jade Portelli li permezz taghha hija eccepiet:-

1. Illi hija mhix edotta mill-fatti u tirrizerva li tipproduci eccezzjonijiet ohra fi stadju ulterjuri;

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess kuratur deputat u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Rebecca Portelli li fiha hija eccepiet:-

1. Illi l-eccipjenti qed permezz tal-prezenti taqbel ma’ dak dikjarat mill-attur fid-dikjarazzjoni tieghu fic-citazzjoni fl-ismijiet premessi u ghalhekk qed ukoll tammetti li l-minuri Tara Jade Portelli ma hiex it-tifla naturali ta’ l-attur Martin

Portelli b’ mod li ghalhekk hemm lok li ssir il-korrezzjoni ta’ l-att tat-twelid tal-minuri f’dan is-sens;

2. Illi l-eccipjenti hija illum il-gurnata legalment divorzjata minn ma’ l-attur Martin Portelli u dana permezz ta’ digriet moghti minn Qorti Ingliza, The Reading County Court, datat 2 ta’ Lulju 1998 u wkoll illum hija mizzewga lil Joseph Paul Attard li huwa l-missier naturali tal-minuri Tara Jade Portelli u li ghalhekk in vista ta’ dina l-informazzjoni l-att tat-twelid ta’ l-imsemmija minuri ghandu jigi ordnat minn dina l-Onorabbli Qorti li jsirulu l-korrezzjonijiet mehtiega fic-cirkostanzi;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenuta u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat id-digriet ta’ l-14 ta’ Mejju 1999 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Audrey Demicoli biex tigbor il-provi;

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet ta’ Dr. Renzo Porsella Flores, kuratur deputat tal-minuri Tara Jade Portelli, nominat wara li gew regolarizzati l-atti skond kif provdut fil-provvediment ta’ din il-Qorti moghti fid-9 ta’ Dicembru 2002, u l-PL Davina Sullivan li permezz taghha huma eccipew:-

Illi huma ma jafu xejn dwar il-fatti tal-kawza u ghalhekk jirrizervaw id-dritt li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom aktar ‘l quddiem;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess kuraturi deputati u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat in-noti pprezentati mill-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

Il-premessi tac-citazzjoni li fuqhom giet impernjata t-talba ta’ l-attur huma dawn:-

I. L-adulterju flagrante tal-konvenuta martu li wassal ghall-firda *de facto* bejniethom fis-7 ta’ Lulju 1996;

II. Il-fatt li minn dan iz-zmien ‘il quddiem hu u martu qatt ma kellhom relazzjonijiet sesswali flimkien. Fuq dan il-punt fil-kontro-ezami taghha l-konvenuta tistqarr illi l-istronkar ta’ dawn ir-relazzjonijiet kien sehh sa minn xahar qabel il-firda (fol. 49);

III. Martu bdiet tghix regolarment wara s-separazzjoni ma’ ragel iehor li, kif issokta jelabora fl-Affidavit tieghu (fol. 33), kien certu Joseph Paul Attard, aktar tard, ottenut id-divorzju minn martu, sar zewg martu;

IV. Fil-5 ta’ Gunju 1997 twieldet il-minuri, u li kemm skond l-attur (fol. 33) kif ukoll skond il-konvenuta (fol. 55) hija l-bint naturali ta’ l-isemmi Joseph Paul Attard;

V. Il-konvenuta hbiet it-tqala taghha u t-twelid tal-minuri;

Minn dan premess, kif sostenut mill-provi, essenzjalment dawk tal-kontendenti principali, l-attur u l-konvenuta martu, l-azzjoni ntentata hi dik ta’ *de-negata paternita*`. Azzjoni li l-ligi takkorda lir-ragel mizzewweg biex jirrikuza l-minuri skond wahda mill-erba’ ipotesijiet prevvisti fl-Artikolu 70 tal-Kodici Civili. F’ dan il-kaz l-attur qed jimpunja d-dikjarazzjoni ta’ martu fuq ic-certifikat ta’ l-Att tat-Twelid tal-minuri Tara Jade billi jikkontendi illi martu ikkommettiet adulterju u hbietlu t-twelid ta’ l-imsemmija minuri. Dan kif kontemplat fis-subinciz (d) ghall-precitat Artikolu 70. Huwa jikkontendi wkoll illi hu u martu kienu separati *de facto* fiz-zmien tal-koncepiment tal-minuri u li mill-mument tal-firda ‘l quddiem ma regghax kellu rapporti

ma' martu jew inghaqad maghha. Dan kif ipotezzat fis-subinciz (b) ghall-istess artikolu imsemmi;

Paragun, anke superficjali, bejn l-istat tal-ligi fir-rigward ta' din l-azzjoni minn dik li kienet qabel l-emendi apportati ghall-Kodici Civili bl-Att XXI ta' l-1993 turi markatament dawn id-differenzi:

(i) Qabel l-emendi l-firda *de facto* ma kinitx tintitola lir-ragel jirripudja lill-minuri mnissel minn martu fil-kors taz-zwieg. L-Artikolu 83 (b) kien ristrettivament jillimita dan id-dritt fil-kaz biss ta' firda *de jure*;

(ii) Ukoll qabel l-emendi r-ragel ma setax jirrikuza li jaghraf lill-minuri bhala ibnu jew bintu minhabba adulterju hlief meta jkun gie lilu mohbi t-twelid (Artikolu 85). Li jfisser illi biex jirnexxi fl-azzjoni tieghu f' dan il-kuntest huwa htieglu jipprova pozitivament l-adulterju ta' martu, il-habi tat-twelid, oltre l-fattijiet l-ohra li jkunu diretti biex juru u jiggustifikaw li huwa ma jistax ikun missier it-tarbija. Ara Kollezz. **Vol. IX p 797; Vol. XXIX P I p 762** u **Vol. XXXV P II p 491**;

Fl-istat prezenti l-volonta` tal-legislatur hi espressa bl-ghazla tal-preposizzjoni "jew" u ghalhekk ma jinsabux – adulterju u habi – f'sitwazzjoni konkorrenti. U allura issa l-attur jehtieglu jipprova illi fl-intervall bejn it-tliet mitt (300) jum u l-mija u tmenin (180) jum, qabel it-twelid, martu kienet ghamlet adulterju u barra minn hekk jipprova xi fatt iehor li x' aktarx jeskludi dik il-paternita` [Artikolu 70 (d), Kapitolu 16];

Issa fil-kaz *de quo* l-attur imkien ma adduca jew ressaq b' mod pozittiv prova wahda dwar l-allegat "habi tat-tqala u tat-twelid tat-tarbija", kif hekk trid il-ligi. F' kull kaz, kif akkolt mill-gurisprudenza, il-fatt li martu ma avzatux la bit-tqala u lanqas bit-twelid ma jikkostitwix habi ("**Sbezzo utrinque**", Appell, 22 ta' Novembru 1882);

Huwa minnu li pprova l-adulterju izda din il-prova wehedha ma tidhirx li hi fil-ligi sufficcjenti gjaladarba l-ligi trid ukoll illi “barra minn hekk jipprova xi fatt iehor li x’ aktarx jeskludi dik il-paternita`”;

Hi u tikkummenta fuq l-Artikolu 235 tal-Kodici Civili Taljan, li fuqu jidher li tinsab modellata d-disposizzjoni tal-ligi taghna, il-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana espremiet ruhha hekk:-

“*L’ indagine sull’ adulterio, come quella sul celamento della gravidanza o della nascita, ha carattere preliminare rispetto a quello sulla sussistenza o meno del rapporto procreativo e deve prescindere dalle prove a quest’ ultimo inerenti (incluse quelle genetiche o ematologiche); ne appare vincolata da eventuali ammissioni rese dalla moglie, le quali, riguardando diritti indisponibili, configurano elementi liberamente apprezzabile dal giudice*” (**C 92/2113; C 98/8087**)”;

Dan ifisser illi gjaladarba l-adulterju huwa kontemplat bhala presuppost awtonomu mill-habi tat-tqala u tat-twelid, dwaru issa hi ndispensabbli prova ohra agguntiva li teskludi l-paternita`. Fil-kaz taht konsiderazzjoni ma ngiebet l-ebda prova genetika jew xjentifika. Dan pero` ma jfissirx skond l-istess norma tal-ligi in diskussjoni ma hijiex ammessa prova ohra alternattiva tendenti biex teskludi l-paternita`;

Fil-kaz *de quo* l-attur ipprova illi minn dakinhar tas-separazzjoni *de facto* (7 ta’ Lulju 1996) hu u martu ma regghux irrikonciljaw (Ara deposizzjoni ta’ Paul Portelli, missier l-attur, a fol. 48) u li inoltre hu u martu ma regghux kellhom rapporti karnali flimkien. Din il-prova hi kondiviza mill-konvenuta martu li ssostni li hi kellha dawn ir-rapporti fiz-zmien prossimu ghall-koncepiment, ma’ certu Joseph Paul Attard, aktar tard zewgha, u li hi tirrikonoxxi bhala missier il-minuri;

Kemm fl-istat prezenti tal-ligi [Artikolu 70(2)] kif ukoll kif hekk kien dispost anterjorment ghall-emendi [Artikolu 85(2)], “l-istqarrija biss ta’ l-omm fis-sens li zewgha mhux missier it-tifel ma tkunx bizzejjed biex teskludi il-paternita` tar-ragel”;

Intqal a propositu fid-decizjoni a **Vol. XXX P I p 478** illi “veru li l-konvenuta ammettiet li t-tifel mhux minn zewgha izda l-ligi stess tiddikjara illi l-konfessjoni ta’ l-omm mhijiex bizzejjed biex tkun eskluza l-paternita` tar-ragel, ghaliex l-omm tista’ tkun ispirata minn sentimenti wisq diversi, intizi forsi anke biex jingannaw il-gustizzja u jahbu l-verita`”. Wiehed jista’ jzid ukoll motivazzjonijiet ta’ negozjar jew ta’ rinunzji konkordati;

Dan affermat, il-Qorti hi tal-fehma illi b’ danakollu il-principju suddett illi s-semplici dikjarazzjoni ta’ l-omm ghalkemm ma hijiex rikonoxxuta lilha ebda prova effikaci, esklussiva jew determinanti, dan ma jeskludix il-fatt illi din l-istess dikjarazzjoni tircievi attenzjoni u l-valutazzjoni li jixriqilha bhala element ta’ prova fil-kwadru generali tar-rizultanzi processwali l-ohra;

Konsiderati l-provi kollha attendibbli fil-kumpless taghhom din il-Qorti hi sodisfatta, fuq il-kriterju tal-verosimiljanza u tal-kredibilita` illi l-attur rnexxielu jwassal il-kaz tieghu ghal dak l-accertament konvincenti li jikkuntrasta mal-presunzjoni legali statwita fl-Artikolu 67 tal-Kodici Civili li taghmlu l-missier tat-tifla minuri in kwantu mnissla matul iz-zwieg.  Tali accertament igib bhala konsegwenza effetti *ex tunc* u *erga omnes* illi t-tifla Tara Jade ma hijiex il-bint naturali tieghu.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi fl-ewwel lok tiddikjara illi l-imsemmija Tara Jade ma hijiex it-tifla naturali ta’ l-attur;

Konsegwentement tilqa' wkoll it-tieni talba billi tordna li l-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel r-rettifikazzjoni opportuna fl-Att tat-Twelid ta' l-istess minuri (fol. 6) billi minnu jikkancella kull referenza ghall-attur Martin Portelli u ghall-konnotati l-ohra tieghu u minflok ghalih tissostitwixxi l-kliem "Missier mhux maghruf" ("*Father unknown*"). Tordna wkoll illi fil-kaz ta' l-omm jithassru l-kliem "*the said*".

L-ispejjez kollha tal-kawza jibqghu a kariku tal-konvenuta Rebecca Portelli.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------